32005D0947

24.12.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 342/103

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 2005

dwar l-issoktar fis-sena 2006 ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq żrieragħ u materjal ta' propagazzjoni ta' Agrostis spp., D. glomerata L., Festuca spp., Lolium spp., Phleum spp., Poa spp. inkluż it-taħlit u Asparagus officinalis skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE u 2002/55/KE li ngħataw bidu fl-2005

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/947/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf [1],

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex [2],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/5/KE tas-27 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u għat-testijiet komparattivi tal-Komunità fuq żrieragħ u materjal ta' propogazzjoni ta' ċerti pjanti ta' speċi agrikola u veġetali u dwieli taħt id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 92/33/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE għas-snin 2005 sa 2009 [3], u partikolarment l-Arikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2005/5/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u għat-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE u 2002/55/KE dwar *Agrostis* spp., *D. Glomerata* L., *Festuca* spp., *Lolium* spp., *Phleum* spp., *Poa* spp. inkluż it-taħlit u *Asparagus officinalis* mill-2005 sa l-2009.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2005 għandhom jissoktaw fl-2006,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità mibdija fl-2005 fuq żrieragħ u materjal ta' propagazzjoni ta' *Agrostis* spp., *D. glomerata* L., *Festuca* spp., *Lolium* spp., *Phleum* spp., *Poa* spp. inkluż it-taħlit u *Asparagus officinalis* għandhom jissoktaw fl-2006 skond id-Deċiżjoni 2005/5/KE.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/117/KE (ĠU L 14, 18.1.2005, p. 18).

[2] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2004/117/KE.

[3] ĠU L 2, 5.1.2005, p. 12.